MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 123/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Katerina D’ Amato**
**Carmelo Vella**
**Karmena Vella**
**Francis Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Katerina D’Amato, Carmelo Vella, Karmena Vella u Francis Vella talli fis-7 ta’ Marzu 2006 u tul dawn l-ahhar xhur bl-agir taghhom is-sidien tal-fond 7 u 8 Triq il-Wied, Zurrieq ezercitaw u ppretendew drittijiet li jafu li ma ghandhomx u barra minn hekk qaghdu jimmolestaw u jdejqu u jtellfu lis-socjeta` mittenti mid-drittijiet taghha ta’ proprjeta`;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ April 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artkolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmijin Katerina D’Amato, Carmelo Vella, Karmena Vella u Francis Vella hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom u kkundannathom multa ta’ mitt euro kull wiehed, u, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 ta’ l-istess Kap. 9, ordnat li sa zmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza jhallsu in kwantu ghal kwart (1/4) kull wiehed u wahda minnhom is-somma ekwivalenti f’euro ta’ mitejn u erbatax-il lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm214.58) li tirrapprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert f’dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmijin Katerina D’Amato, Carmelo Vella, Karmena Vella u Francis Vella pprezentat fis-6 ta’Mejju 2008 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla u tirrimetti lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati jew tiddeciedi l-kaz; jew, alternattivament, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li jigu dikjarati mhux hatja u lliberati minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi; u minghajr pregudizzju, f’kaz li ma tintlaqax din it-talba, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) is-sentenza appellata hi nulla ai termini ta’ l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li l-ewwel Qorti ma esponietx il-fatti fejn sabet htija kontra l-appellanti; (2) l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija kontra l-appellanti in vista ta’ proceduri civili, senjatament mandat ta’ inibizzjoni, kontra l-kwerelanti; (3) minghajr pregudizzju, l-ewwel Qorti ma specifikatx min mill-appellanti wettaq l-

allegat reat u poggiethom fl-istess keffa meta ma kinux prezenti flimkien fl-istess hin.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-appellanti gew akkuzati bi ksur ta' l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Certament l-imputazzjoni nkitbet b'mod ingarbuljat, ikkupjata kelma b'kelma minn fuq il-kwerela mibghuta lill-Pulizija! Izda l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija** v. **Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

**"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, ii l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza**

**ta’ din il-Qorti tad-19 ta’ Gunju, 1989 fl-ismijiet I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami).”**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta’ Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:**

**“Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita’ taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta’ pratticita’ u ta’ evitar ta’ telf ta’ zmien, u cioe’ biex l-imputat x’hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**.....**

**Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista’ tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F’ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita’ tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.”**

Is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta’ l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta’ Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

**“Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b’mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta’ tigbid ta’ kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b’mod li l-imputat ikun jaf ta’ liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.”**

Sfortunatament gara illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha rriproduciet *verbatim* l-imputazzjoni kif dedotta fic-citazzjoni. Xorta wahda pero` jirrizultaw il-fatti li taghhom l-

appellanti nstabu hatja u cioe` ezercitaw drittijiet li jippretendu li ghandhom (fl-imputazzjoni "qeghdin jezercitaw u jippretendu drittijiet li jafu li ma ghandhomx"). Anke l-kwerela stess tirreferi unikament ghall-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Jigifieri ma seta' jkun hemm l-ebda dubju dwar liema reat l-appellanti (allura imputati) kienu msejhin biex iwiegbu ghalih. Fl-ahharnett l-ewwel Qorti kienet cara fid-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija skond l-artikolu 85 tal-Kap. 9.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

It-tieni aggravju jehodna ghal dawk li huma l-elementi tar-*ragion fattasi*. L-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma, kif gie diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna:

**"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (Jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni able Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' *ragion fattasi* jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' *ragion fattasi* jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-**

**agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".**[1]

Issa, mill-provi jirrizulta li s-socjeta` B.S. Constructions Ltd. hi proprjetarja ta' porzjon art fiz-Zurrieq li tmiss mal-fondi 7 u 8 Triq il-Wied, Zurrieq. Meta kien qieghed isir xoghol ta' skavar inqalghet problema minhabba giebja li kien hemm f'dik il-proprjeta` u li kienet testendi ghal taht il-fond numru 7 filwaqt li l-fond numru 8 itella' l-ilma mill-giebja permezz ta' pompa (ara pjanta a fol. 59 u rapport ta' l-espert tekniku a fol. 16). Effettivament fit-13 ta' Jannar 2006 Francis Vella u martu Carmen talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Anthony Bonanno (f'ismu proprju) sabiex jigi inibit milli jkompli jaghmel xoghlijiet fil-giebja. Din it-talba ntlaqghet b'digriet ta' l-istess jum u b'sehh sal-14 ta' Frar 2006 (ara fol. 71). Nonostante li l-mandat inhareg kontra Anthony Bonanno f'ismu personali u mhux kontra s-socjeta` B.S. Constructions Ltd., sakemm dam *in vigore* l-mandat jidher li ma tkomplewx xoghlijiet fil-giebja. Ghalhekk in kwantu l-imputazzjoni tista' tirreferi ghall-perijodu bejn it-13 ta' Jannar 2006 u l-14 ta' Frar 2006, ir-reat ta' *ragion fattasi* ma jissussistix peress illi l-appellanti konjugi Vella adixxew lill-awtoritajiet gudizzjarji ghas-soluzzjoni tal-pretensjonijiet taghhom. Ma jirrizultax illi l-appellanti l-ohra kellhom xi parti f'dawn il-proceduri gudizzjarji izda fi kwalunkwe kaz kif inghad ix-xoghlijiet jidher li twaqqfu. Jibqa' ghalhekk il-perijodu bejn il-15 ta' Frar 2006 u s-7 ta' Marzu 2006.

Anthony Bonanno, mistoqsi x'gara qabel is-7 ta' Marzu 2006, qal li beda t-tqattigh u Bonavia rrapportalu li "l-konvenuti" [*recte:* kwerelati] kienu qeghdin ixekklu x-xoghol. Leli Bonavia xehed u kull ma qal hu li kien inkarigat mill-iskavar u li x-xoghol bdewh fis-26 ta' Frar 2006 u waqfu ghall-habta ta' nofs Marzu. Joe Zrinzo, direttur ta' B.S. Constructions Ltd., xehed li kien tela' fuq il-post ghax min kien qieghed jahdem gie mitlub jieqaf mill-proprjetarju tar-residenza fuq il-lemin mill-faccata altrimenti kienu ser imorru joqoghdu fuq il-hajt li ried

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

inehhi. Huwa ma ndikax id-data meta dan kien u l-anqas ma identifika l-persuna jew persuni li setghu qalu dan id-diskors u f'kull kaz hadd mill-haddiema prodotti – Leli Bonavia u Salvu Calleja – ma jsemmu tali diskors. Sahansitra fil-kwerela gie allegat li sabiex ix-xoghlijiet ma jitkomplewx il-kwerelati "ikkawzaw irvell shih u sahansitra bdew jheddu li ser jitilghu fuq il-parti li kienet ser titqatta'", minghajr pero` ma saret referenza ghal meta dan allegatament sehh. Inoltre, mistoqsi jekk ix-xoghol kienx waqaf minhabba l-mandat ta' inibizzjoni, Joe Zrinzo wiegeb li ma setax jikkummenta u l-anqas kien jaf b'dak il-mandat.

Minn dan kollu ghalhekk kull ma jirrizulta hu li l-appellanti Francis u Karmena Vella fixklu lill-proprjetarji ta' l-art milli jkomplu x-xoghol taghhom fil-giebja msemmija <u>bil-mezzi moghtija mil-ligi</u>. Mill-bqija ma jirrizulta xejn aktar.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------